# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **62/2022 (AD)**

**Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat t'Inibizzjoni bin-numru 1148/2021 (NC) fl-ismijiet:**

## L & D ATTARD COMPANY LIMITED (C 2398)

**vs**

## NICOLINA AGIUS (KI 60748M)

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba ta' Nicolina Agius magħmula ai termini tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-revoka tal-mandat t'inibizzjoni bin-numru 1148/2021 NC;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar id-disgħa (9) ta' Diċembru 2021, Nicolina Agius talbet lil din il-Qorti sabiex tordna r-revoka tal-mandat t'inbizzjoni bin-numru 1148/2021 NC fl-ismijiet ***L & D Attard Company Limited vs Nicolina Agius***, ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. B'risposta datata tnax (12) ta' Jannar 2021, L & D Attard Company Limited opponiet għar-revoka *in toto* tal-mandat t'inibizzjoni odjern, iżda qablet illi għandhom jittieħdu miżuri ta' natura temporanja kif suġġerit mill-Perit inkarigat mir-rikorrenti Nicolina Agius fir-rapport tiegħu anness mar-rikors odjern;

**Fatti tal-Każ**

4. Mir-rikors odjern jirriżulta illi permezz ta' digriet mogħti nhar it-tnax (12) t'Awwissu 2021, din il-Qorti kif diversement presjeduta laqgħet it-talba tas-soċjeta' L & D Attard Company Limited għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni bin-numru 1148/2021 NC fil-konfront ta' Nicolina Agius, biex b'hekk Agius ġiet miżmuma milli, *"[t]agħmel jew [t]kompli [t]agħmel xogħol ta' ċaqliq ta' ħamrija u/jew materjal ieħor, [t]ħammel u/jew [t]agħmel kwalsiasi xogħol jew tibdil ieħor fir-raba' magħruf bħala 'Tal-Parsotta', fil-kuntrada 'Ta' Buqana', limit tal-Imdina, proprjeta' ta' [L & D Attard Company Limited]"*. Jirriżulta mill-atti preżentati illi l-Qorti kienet laqgħet it-talba wara li qieset illi, *"mid-dokumenti esebiti minnha, is-soċjeta' rikorrenti ppruvat jedd mad-daqqa t'għajn ta' titolu li qed jiġi mittiefes"* u li *"għalhekk hu opportun illi jinżamm l-istatus quo sakemm jiġi deċiż min hu l-proprjetarju tal-art."* Il-Qorti kkonkludiet illi, *"mid-dokumenti esebiti mal-mandat u mid-dokumenti esebiti man-Nota ppreżentata fil-5 t'Awwissu 2021, jirriżulta li l-mandat odjern huwa meħtieġ sabiex tabilħaqq jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mis-soċjeta' rikorrenti u dana għar-raġuni li altrimenti s-soċjeta' rikorrenti ser issofri preġudizzju. Jirriżulta wkoll tabilħaqq li s-soċjeta' rikorrenti għandha prima facie dawk il-jeddijiet"*;

5. Konsegwentement, ix-xogħol fuq l-art mertu tal-mandat t'inibizzjoni odjern waqaf ħesrem u kollox tħalla fl-istat kif kien, wara illi jidher illi kien diġa sar ammont konsiderevoli ta' tħammil u tqattiegħ;

6. Agius tispjega fir-rikors tagħha illi, per kawża tal-ammont ta' xita konsiderevoli illi niżlet f'Diċembru, ikkollassa l-ħajt tas-sejjiegħ li jifred l-art mit-triq pubblika li tmiss magħha, bil-konsegwenza illi m'hemm xejn x'jilqa' vetturi għaddejjin mill-istess triq milli b'aċċident jinżlu fil-ħofra li laħqet kienet tħaffret qabel il-ħruġ tal-mandat t'inbizzjoni odjern, liema ħofra tmiss mat-triq pubblika. Barra minn hekk, b'konsegwenza diretta tal-elementi naturali li qed jaħdmu fuq l-istess blat mikxuf, hemm ukoll perikolu illi l-istess blat iġarrab ħsara ulterjuri li jipperikola l-istabbilita' tat-triq li tmiss ma' din l-istess art, bil-possibilta' li l-istess triq ukoll tikkollassa.

**It-Talba għal Revoka mir-Rikorrenti Nicolina Agius**

7. Ir-rikorrenti Nicolina Agius tispjega fir-rikors tagħha illi hija inkarigat lill-Perit Philip Mifsud, sabiex jispezzjona l-art u jħejji rapport dettaljat, liema rapport ġie anness mar-rikors odjern u mmarkat bħala **Dok PM1**. Fid-dawl tal-konklużjonijiet miġjuba f'dan ir-rapport peritali, ir-rikorrenti tikkontendi illi mhux raġonevoli illi l-mandat t'inibizzjoni jinżamm fis-seħħ, u li għalhekk għandu jiġi revokat, imqar parzjalment, sabiex jiġi assikurat li l-perikolu eżistenti u potenzjali jiġi evitat;

8. Għaldaqstant, ir-rikorrenti Nicolina Agius talbet lil din il-Qorti sabiex jogħġobha, occorrendo previa l-ħatra ta' periti nominandi, tirrevoka *in toto* jew *in parte* il-mandat t'inibizzjoni bin-numru 1148/2021 NC fl-ismijiet ***L & D Attard Company Limited vs Nicolina Agius***, sabiex isiru x-xogħlijiet rakkomandati fir-rapport peritali mħejji mill-Perit Philip Mifsud.

**Risposta għat-Talba għal Revoka mis-Soċjeta' L & D Attard Company Limited**

9. Mill-banda l-oħra, is-soċjeta' L & D Attard Company Limited, filwaqt illi tallega illi fix-xogħol ta' tqattiegħ ma nżammitx id-distanza stabbilita mil-liġi bl-Artikolu 439 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u li t-tħaffir baqa' dieħel taħt il-ħajt tas-sejjieħ li jifred l-art mit-triq, issostni illi għall-ħsara tal-ħajt tas-sejjiegħ taħti r-rikorrenti minħabba illi aġixxiet kontra l-liġi u ma ħaditx il-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex tipproteġi l-art adjaċenti;

10. In oltre, is-soċjeta' L & D Attard Company Limited tallega illi r-rikorrenti qiegħda tapprofitta ruħha biex tieħu vantaġġ min-nuqqasijiet tagħha u mis-sitwazzjoni li ħolqot hija stess biex titlob lil din il-Qorti tmur kontra dak deċiż permezz tad-digriet tat-tnax (12) t'Awwissu 2021;

11. L-istess soċjeta' tesebixxi rapport imħejji mill-Perit Joe Bugeja datat sitta (6) ta' Janar 2022, illi jaqbel illi *"the unauthorised works have rendered the site unsecure and are causing a public hazard to road traffic"*, u jirrakkomanda illi s-sit jerġa' jiġi *"reinstated to its original state"* sabiex jakkwista *"its original security and safety status"*, u dan billi l-materjal u l-ħamrija li tneħħiet jerġa' jintefa' lura fil-post;

12. Għaldaqstant, is-soċjeta' L & D Attard Company Limited tikkontendi illi hija qiegħda taqbel ili għandhom jittieħdu miżuri ta' sigurta' temporanja billi, kif issuġġerixxa l-Perit Philip Mifsud, jinbena ħajt (*solid barrier*), bi blokki tal-konkrit, u dan a spejjeż tar-rikorrenti, skont *method statement* preparat mill-Perit inkarigat mix-xogħolijiet, u debitament approvat minn espert inkarigat mill-Qorti. Alternattivament, is-soċjeta' L & D Attard Company Limited issostni illi s-sit kollu għandu jiġi reintegrat għal kollox kif issuġġerixxa l-Perit Joe Bugeja.

**Il-Qorti**

13. Wara illi rat ir-rikors ippreżentat minn Nicolina Agius, kif ukoll ir-rapport peritali anness miegħu u r-ritratti formanti parti mill-istess rapport peritali;

14. Wara illi reġgħet rat id-digriet tagħha stess tas-sittax (16) ta' Diċembru 2021;

15. Wara illi rat ir-risposta ippreżentata mis-soċjeta' L & D Attard Company Limited, kif ukoll ir-rapport peritali anness magħha u r-ritratti formanti parti mill-istess rapport peritali;

16. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-Revoka tal-Mandat *In Vigore***

17. Fl-ewwel lok, il-Qorti tfakkar, anke fid-dawl ta' ċertu allegazzjonijiet illi saru mis-soċjeta' L & D Attard Company Limited fir-risposta tagħha, illi l-mansjoni tagħha fi proċeduri bħal dawk odjerni hija waħda limitata ferm. Hekk, per eżempju, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Av Francesca Galea Cavallazzi noe vs IPS-Ingredis Malta Limited***[1]:

> *Isegwi għalhekk li l-Qorti fi proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet għaliex l-istħarriġ li hija obbligata tagħmel huwa wieħed sommarju fuq bażi prima facie, filwaqt li l-mertu jiġi mistħarreġ u determinat fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Kif ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet* ***Joseph Camilleri et vs Anthony Govè et****, deċiża fl-10 ta' Mejju 2001:*
>
> > *"mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi*

[1] Rikors Revoka 281/2012 fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru nru 368/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G. Mangion, 26 t'April 2021

> *investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."*

> *Jingħad ukoll illi dak li l-Qorti trid tasal għalih f'dawn il-proċeduri ma għandux jitqies li jkun qed isir xi ġudizzju fil-mertu, u fi proċeduri bħal dawn jeħtieġ biss li l-Qorti tistħarreġ mad-daqqa t'għajn li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu, cioe' li s-sekwestrant għandu bażi ta' pretensjoni u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv* [***Paul Hili et vsv Dr Joselle Farrugia noe et***, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-3 ta' Ġunju 1994]. *Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-prinċipju ulterjuri li kull persuna għandha jedd li tħares l-interessi tagħha sakemm id-dritt sostantiv tagħha jiġi determinat definittivament* [***Technobroadcast Srl vs Mediterranean Broadcasting Limited***, mogħti fil-5 ta' Ġunju 2007].

18. Din il-Qorti għalhekk tagħmilha ċara illi: (a) hija mhix ser tindirizza l-mertu tal-vertenzi bejn il-partijiet, liema mertu qiegħed jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet quddiem din il-Qorti stess; u (b) id-deċiżjoni illi qiegħda tingħata permezz ta' dan id-digriet m'għandhiex tiġi interpretata bħala deċiżjoni illi b'xi mod tirrifletti jew sejra tirrifletti d-deċiżjoni illi għad trid tingħata fil-mertu fil-kawża prorpja;

19. Il-materja in eżami tikkonċerna talba għal revoka ta' mandat kawtelatorju ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12:

20. Ai termini tal-Artikolu 836(1)(f), mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat, *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att*

*kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*;

21. Taħt l-Artikolu 836(1)(f), jeħtieġ illi tissussisti bidla fiċ-ċirkostanzi illi tirrendi l-att kawtelatorju jew parti minnu superfluwu u inġustifikabbli. Hekk ingħad, *inter alia*, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Andrew Corrieri vs Manti Salvatore noe***[2]:

> *Dwar jekk il-mandat għandux jitħassar fiċ-ċirkostanzi għaliex allegatament mhuwiex raġonevoli jew ġustifikat li jinżamm fis-seħħ, din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċediment fl-ismijiet* ***Spiteri vs Darmanin*** *tat tifsira korretta u preċiża tal-artikolu 836(1)(f) fil-provvediment li tat fil-25 ta' Awwissu 2010:*
>
> > *"Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ (ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et").*
>
> *Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."*
>
> *Finalment, fil-provvediment illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Awwissu 2012 fl-ismijiet* ***Jamar Malta Limited vs Office Group Limited****, saru dawn ir-rilievi:*

[2] Rikors Numru 439/2021 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 231/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 15 ta' Settembru 2021, Onor Imħ Anna Felice

*"Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet eżekutanti. Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta' Jannar 1992. "Spiteri vs Camilleri"; PA. RCP. 30 ta' Mejju 2002. "Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona"; u PA. GC. 3 ta' Awwissu 2001. "Fenech noe vs Spiteri noe et.")."*

*Fl-isfond ta dan l-insenjament huwa evidenti li dak meħtieġ li jiġi ppruvat għall-fini ta' din id-disposizzjoni huwa bdil fiċ-ċirkostanzi li jirrendu l-mandat mhux aktar raġonevoli jew ġustifikabbli, liema bdil fiċ-ċirkostanzi jrid jintwera li avveraw ruħhom wara d-data tal-ħruġ tal-mandat.*[3]

22. Jirriżulta saħansitra anke mir-ritratti stess annessi maż-żewġ rapporti peritali mehmuża mar-rikors odjern u mar-risposta għall-istess, illi s-sitwazzjoni illi tinsab fiha t-triq pubblika preżentement hija waħda perikoluża

[3] Ara wkoll: ***Lombard Bank plc vs Dr Melvyn Mifsud et***, Rik Nru 302/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 30 t'April 2015 u ***George Cassar pro et noe et vs Emanuel Falzon et***, Rik Nru 741/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 22 t'Ottubru 2015

ħafna. M'hemmx bżonn illi wieħed ikun espert tekniku sabiex jikkonstata mill-istess ritratti illi m'hemm l-ebda lqugħ illi, f'każ illi jintilef il-kontroll ta' vettura, jew vettura tersaq ftit aktar lejn il-ġenb tat-triq milli antiċipat, jista' jipprevjeni milli jseħħ aċċident ikrah;

23. Jidher illi l-partijiet qegħdin jaqblu dwar il-punt illi hemm bżonn illi tittieħed azzjoni, imqar temporanja, sabiex dan il-perikolu imminenti jitneħħa, u dan saħansitra anke fl-interess pubbliku;

24. Madanakollu, il-Qorti hija tal-fehma illi, jekk tordna illi jiġi revokat *in toto* il-mandat t'inibizzjoni, u dan sabiex, jew, min-naħa l-waħda, jitkompla l-iżvilupp ta' *reservoir* mir-rikorrenti Nicolina Agius, jew, min-naħa l-oħra, jerġa' jiġi ripristinat is-sit fl-istat illi kien fih qabel sar l-iskavar mill-istess rikorrenti, id-drittijiet ta' parti jew l-oħra ser jiġu preġudikati. Fil-każ illi din il-Qorti tordna illi jitkompla l-iżvilupp, hemm potenzjalita' illi jiġu preġudikati d-drittijiet tas-soċjeta' L & D Attard Company Limited jekk il-kawża fil-mertu jkollha eżitu favorevoli għaliha, filwaqt illi, jekk din il-Qorti tordna illi jiġi ripristinat is-sit, hemm potenzjalita' illi jiġu preġudikati d-drittijiet ta' Nicolina Agius f'każ illi l-kawża fil-mertu jkollha eżitu favorevoli għaliha, stante illi tkun daħlet fi spejjeż sabiex jiġi ripristinat is-sit għalxejn;

25. Fid-dawl tal-premess, il-Qorti għalhekk taqbel mal-kompromess illi jidher illi saħansitra anke l-partijiet stess waslu għalih mill-atti preżentati, u hija tal-fehma illi l-mandat odjern għandu jiġi **<u>revokat biss parzjalment</u>**, b'dana illi tingħata awtorizzazzjoni sabiex isir xogħol ta' natura temporanja illi permezz tiegħu jiġi evitat perikolu bla bżonn lil terzi, sakemm jiġu stradati l-vertenzi bejn il-partijiet fil-kawża fil-mertu dwar is-sit in kwestjoni. Tali xogħol, fl-opinjoni tal-Qorti, għandu jsir kif suġġerit mill-Perit Philip Mifsud fir-rapport peritali tiegħu anness mar-rikors odjern u mmarkat **Dok PM1** taħt il-kap *'Immediate Action'*. Dan anke in vista tal-fatt illi, f'paragrafu numru 7 tar-risposta tagħha, is-soċjeta' L & D Attard Company Limited taqbel illi jittieħdu tali miżuri temporanji kif suġġerit mill-istess Perit;

26. F'dawk illi huma l-elementi tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 illi fuqhom qed tibbaża t-talba tagħha r-rikorrenti Nicolina Agius, il-Qorti tinnota illi bħalma

jidher illi huwa fatt mhux kontestat illi ċ-ċirkostanzi illi tinsab fihom it-triq pubblika in kwestjoni jimmeritaw tali revoka *in parte*, lanqas jirriżulta mill-atti illi hemm xi kontestazzjoni bejn il-partijiet illi dawn iċ-ċirkustanzi avveraw ruħhom <u>wara</u> illi ntlaqa' r-rikors għall-ħruġ tal-mandat odjern

27. Għaldaqstant, il-Qorti tiddikjara illi <u>**ġie sodisfaċentement pruvat illi tissussisti raġuni għar-revoka *in parte* tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12**</u>, u dan <u>**limitatament**</u> sabiex jinbena ħajt, u cioe *solid barrier*, bi blokki tal-konkrit kif suġġerit mill-Perit Philip Mifsud fir-rapport tiegħu anness mar-rikors odjern u mmarkat **Dok PM1**;

28. F'dawk illi huma spejjeż tax-xogħol illi għandu jsir sabiex jinbena dan il-ħajt, din il-Qorti hija tal-fehma illi dawn għandhom, fid-dawl tal-fatt illi l-kostruzzjoni oriġinarjament saret minnha, u l-Perit Philip Mifsud ġie wkoll inkarigat minnha, <u>**għall-preżent**</u>, jiġu sopportati mir-rikorrenti Nicolina Agius, u dan sakemm jingħata ġudizzju finali fil-kawża fil-mertu;

**Decide**

29. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi <u>**tilqa' parzjalment**</u> it-talba tar-rikorrenti Nicolina Agius, u dana billi:

(i) <u>**Tirrevoka *in parte***</u> il-mandat t'inibizzjoni bin-numru 1148/2021 NC fl-ismijiet ***L & D Attard Company Limited vs Nicolina Agius***, u konsegwentement:

(ii) <u>**Tordna**</u> illi jittieħdu miżuri ta' sigurta' temporanji sabiex jiġi evitat periklu per konsegwenza tal-fatt illi ġġarraf il-ħajt illi jissepara t-triq pubblika mis-sit magħruf bħala 'Tal-Parsotta', fil-kuntrada 'Ta' Buqana', limiti tal-Imdina, u dan billi:

a. Jiġi ippreparat *method statement* mill-Perit Philip Mifsud dwar kif ser isir ix-xogħol, liema *method statement* għandu jiġi ppreżentat

permezz ta' nota fir-Reġistru ta' din il-Qorti fi żmien ġimgħa mid-data ta' dan id-digriet, u notifikat liż-żewġ partijiet;

b. Ix-xogħol għandu jsir skont kif rakkomandat fir-rapport peritali tal-Perit Philip Mifsud datat erbgħa (4) ta' Diċembru 2021 anness mar-rikors odjern u mmarkat **Dok PM1**, fil-paragrafu bil-kap *'Immediate Action'*, u cioe billi jinbena ħajt, ossia *solid barrier*, bi blokki tal-konkrit, skont il-*method statement* suriferit;

c. Spejjeż għal dan ix-xogħol għandhom jitħallsu mir-rikorrenti, u dan sakemm tiġi deċiża b'mod definittiv il-kawża fil-mertu;

(iii) Mill-kumplament, **tikkonferma** l-mandat t'inibizzjoni bin-numru 1148/2012 NC, in kwantu jirrigwarda xogħol ieħor ta' ċaqliq ta' ħamrija, u/jew materjal ieħor, tiħmil u/jew kwalsiasi xogħol jew tibdil ieħor fir-raba' magħruf bħala 'Tal-Parsotta', fil-kuntrada 'Ta' Buqana', limiti tal-Imdina illi m'huwiex intiż u/jew anċillari għax-xogħol illi qiegħed jiġi ordnat illi jsir permezz ta' dan id-digriet bħala miżura ta' sigurta' temporanja fl-istess sit.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.

**Digriet kamerali mogħti llum, it-Tnejn, sebgħa (7) ta' Frar 2022.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**